# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2001**

**Numru 13**

**Cit. Nru. 217/01 GCD**

**James Barbara ezercenti l-kummerc that l-isem "James Confectionery"**

**Vs**

**Anthony u Doris konjugi Bezzina**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-attur fl-ammont ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400) bilanc pendenti minn ammont akbar ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1,700) dovuti bhala import ta' hames kambjali, accettati u ffirmati mill-konvenuti Anthony Bezzina u Doris Bezzina stess (Dok. "A" sa Dok. "E");

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghmlu ghat-talba attrici;

Talab illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 et seqq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu s-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400) bilanc pendenti minn ammont akbar ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1,700) dovuti bhala import ta' hames kambjali, accettati u ffirmati mill-konvenuti Anthony Bezzina u Doris Bezzina;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kalkolati mill-gurnata li kull kambjala immaturat, sal-gurnata ta' l-effettiv pagament.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-nota li biha l-attur naqqas it-talba ghal elf u mitejn lira (Lm1,200).

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kif imnaqqsa, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm